

# NILTAQGĦU MAL-POETA VASSALLO FIT-TFULIJA TIEGĦU

Għeżież tfal naħseb li l-iskola diġà bdejtu tistudjaw xi poeżiji qosra. Il-lum sejra nlaqqagħkom ma' wieħed mill-poeti magħrufa Maltin li twieled u li għadu joqgħod f'raħal twelidu is-Siġġiewi. Dan huwa il-poeta tan-nirien, Karmenu Vassallo, li twieled fit-18 ta' Marzu 1913, fis-Siġġiewi.

Tfal, dan it-tagħrif li ser ngħaddi lilkom, ġie mogħti lili stess minn Karmenu Vassallo waqt l-aħħar żjara li għamiltlu nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu 1987. Il-ġenituri ta' Karmenu Vassallo kien jisimhom Ġużeppina li kienet minn San Ġiljan u Mikiel Anġ Vassallo li kien mis-Siġġiewi. Huwa kien l-ewwel minn tlett aħwa mill-ewwel żwieġ ta' missieru. L-ewwel snin ta' ħajtu, Karmenu kien jgħix ġod-dar No. 30 fit-Triq San Nikola, is-Siġġiewi. Wara ommu u missieru marru joqgħodu San Ġiljan u hemm fid-9 ta' Frar 1920 mietet ommu Ġużeppina u safa' ltim ta' 7 snin. Kif irrakuntali huwa stess mal-mewt t'ommu reġa' ġie joqgħod is-Siġġiewi ma' nannietu li kienu Ġannikol u Marija min-naħa ta' missieru u meta in-nanniet tiegħu mietu baqa' jgħix ma' zitu Rosanna li minn kliemu kienet tħobbu daqs li kieku kienet l-għażiża ommu. Issa huwa kien joqgħod ġod-dar No. 44 fi Triq San Nikola wkoll.

Karmenu kompla jgħidli li għalkemm missieru Mikiel Anġ kien reġà iżżewweġ lil Consolata Muscat minn Ħal Qormi u kellhom sebat itfal huwa xorta baqa' joqgħod ma' zitu Rosanna li kienet tant tħobbu.

X'ħin tlabtu jirrakkuntali xi tifkiriet ta' tfulitu, qalli, li tant kien iħobb l-għasafar u n-natura ta' madwaru u hawn irrakkuntali kif darba meta kienu għadhom joqgħodu San Ġiljan, għoxa għax għodwa waħda lemaħ nibbieta ħadra fil-bitħa tad-dar tagħhom. Għadu jiftakar, qisu l-bieraħ, l-ewwel tajra li kien għamillu missieru, xi ponn ħelu li kien ta' sikwit jixtrilu missieru, it-trakk ta' l-injam, il-buttuni, u altar li kien tant iħobb jilgħab bihom.

Semmieli kemm kien jibża' mill-inkwatru tar-ruħ il-ħażina li kellha zitu Rosanna, u dan għaliex fih kien hemm ix-xitan li kien qiegħed iġorr lir-ruħ il-ħażina lejn l-infern.

Meta beda jikber zitu Rosanna kienet tibgħatu jħit ma' wieħed ħajjat li kien hemm fi Triq San Nikola. Qalli li dan il-ħajjat kien jixtri il-ktieb 'Il-Pronostiku' li dan iż-żmien kien iqum biss 1 1/2d (sold u nofs) qalli, tfal inqas minn ċenteżmu tagħna. Sa għadu jiftakar fejn kien iżommu dan il-ktejjeb il-ħajjat, qalli li kien ikun ġol-kexxun tal-magna. Għaliex kien tant importanti għal Karmenu dan il-ktejjeb? Għaliex permezz tiegħu huwa kien jaqra xi poeżiji ta' poeti oħra, u hekk bdiet tinbet il-muża ġo fih. Sakemm darba waħda kiteb daqsxejn ta' poeżija li kien jisimha 'Bebbuxu' u meta uriha lil Dun Nikol Mifsud, li kien qassis mis-Siġġiewi, il-lum mejjet, qalli li għoġbitu u ħajru jmur juriha lill-poeta nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila.

Karmenu Vassallo tant kien ħa nteress fil-poeta Dun Karm li kien mar bil-mixi sal-belt Valletta biex ifittex lill-poeta nazzjonali Malti. Huwa kien sabu il-Biblijoteka Nazzjonali tal-Belt Valletta u meta ltaqa' miegħu u uriħ il-poeżija 'Bebbuxu' nkorraġġih ħafna u qallu biex jaqra il-poeżija tiegħu li kien jisimha 'Bjuda'.

Fl-aħħar staqsejtu dwar l-iskola li kien jattendi u qalli li ta' disa' snin, jiġifieri f'Ottubru 1922 daħal fl-iskola tal-Gvern tas-Siġġiewi li kienet fejn il-lum hemm l-Għassa tal-Pulizija. Hemm beda jistudjaw xi poeżija bit-Taljan, għax dak iż-żmien kienu jitgħallmu il-lingwa Taljana fl-iskejjel Primarji. Ta' min isemmi li ta' tnax il-sena għamel il-priedka tal-Milied fil-knisja parrokjali. Wara, l-iskola Primarja, f'Ottubru 1928 daħal jistudja fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi.

Issa ser nagħlaq b'silta minn waħda mill-poeziji tiegħu stess li tinsab fil-ktieb tiegħu 'BEJN QĊAĊET U QIGĦAN' u din tiddeskrivi xi tifkiriet ta' tfulitu.

TIFKIRIET TA' TFULITI

Kemm kont ħelu u gustuż meta kont tfajjel!
X'seħer kellu għall-friefet u għall-ħuttaf!
X'baħar ta' ħajr f'daqxejn ta' xitla f'rimja!
Tfuliti kienet Ġenna: u ma kontx naf!
Kienet l-għamara tiegħi
— u miegħi
dik ta' missieri u t'ommi —
terran
b'bitħa u b'roqgħa ħamrija,
xi mkien ġo San Ġiljan.
Dik id-dwejra kennija
kienet għal ħajti, f'dawk is-snin bikrija,
ġmiel u kobor id-dinja u l-Univers!
Ommi mill-għatba 'l barra
qajla kienet tħallini
nixref fit-triq għall-beraħ.
Għajr b'wiċċha u b'wiċċ missieri
(li kien jagħmilli xi vapur tal-karti,
jixtrili xi kandlier taċ-ċomb, xi xemgħa
sabiħa tal-kulur, jonkella f'buti
iżerżaqli qajl qajl xi ponn perlini),
jien ma kont naf b'wiċċ ħadd.
Lil sħabi u'l ħbiebi kien jeħtieġli nsibhom
fid-dinja u fl-univers li bejn ħitanha
kienet tiġborli dik id-dwejra, b'bitħa
magħha u b'roqgħa ħamrija,
b'siġra tal-ħawħ jew tal-berquq tixxabbat
minn wara l-ħajt għal ġewwa l-bitħa tagħna.

KARMENU VASSALLO

**GEORGINA CAMILLERI**